# DAN MIN HU?

## GĦANJA TAL-MISTERU TA' KRISTU

Ġejt fid-dinja: bosta ħlejjaq
semgħu kliemek, raw għamilek
kollu għerf, għeġubijiet:
ma fehmukx, u b'ħarsa kiesħa,
bħal tal-għaref li jistaqsi,
bosta Kbar minn tal-Lhudija
dlonk tennew wieħed lill-ieħor:
"Dan min hu?" U l-mistoqsija
baqgħet sejra tidwi tidwi
sa ma tlajt bis-salib fuqek
il-Kalvarju tal-ħatjin.

Minn ġol-qabar li kien ħaddnek
ħriġt rebbieħ għal ħajja ġdida:
ratek kmieni l-Madaliena,
rawk l-oħrajn li tħaddtu miegħek,
u mill-ġdid staqsew dawk l-għomja:
"Dan min hu?"
F'Ateni u Ruma
stama' leħnek—ħelu u qawwi,—
ta' l-irsiera tkissru l-ktajjen,
tas-sidien ħlew il-fehmiet;
niżel dawl ta' hena u saħħa
ġewwa l-Qalb u fuq il-Ħsieb;
bdiet is-sliema, bdiet l-imħabba
ma' tagħlimek, o Ġesù;
madankollu l-mistoqsija
illi nsemgħet fil-Lhudija
baqgħet tidwi: "Dan min hu?"

U biex jifhmu xi tkun Inti,
għamlu ħilthom nies bil-kotra:
flew bir-reqqa n-nisel tiegħek,
ħsiebek, kliemek u tagħlimek.
Ma fehmux, ma redux jifhmu,
u ġie l-għilt u bdiet id-dnewwa
wara l-ġlieda tal-fehmiet;
sikru l-ljuni b'demm l-insara,
mietu rġiel, mietu tfajliet,
u tal-Knisja li ridt tibni
dak id-demm qawwa s-sisien:

hemm, fejn kienet art l-imwiet,
stama' fl-għana l-kliem ta' David
u, fil-waqt li mejda waħda
ġabret magħha kbar u żgħar,
l-Aħwa taw bewsiet ta' sliema
u, bla ħtija jew maħfura,
kielu l-manna tas-smewwiet,
il-Ħobż tiegħek, o Ġesù:
madankollu l-mistoqsija
illi nsemgħet fil-Lhudija
baqgħet tidwi: "Dan min hu?"

U maħrub fuq żiemel għadda
b'minġel f'idu ż-Zmien qerriedi;
saltniet waqgħu, oħrajn telgħu,
tbiddlu n-nies, tbiddlu d-drawwiet,
u weħidha fuq il-ħerba
ta' setgħat u ta' saltniet
baqgħet tiddi l-Knisja tiegħek
dejjem isbaħ, o Ġesù;
madankollu l-Kbar tad-dinja,
bħall-kbarat minn tal-Lhudija,
għamja f'għerfha baqgħet thewden
u tistaqsi: "Dan min hu?"

U ma' tul is-snin li ġejja
tibqa' sejra bla ma tehda
din il-qasma tal-fehmiet;
għax min jemmen għandu triqtu,
u trieq għandu dak li jaf:
Inti, kbir fiċ-ċokon tiegħek,
ma tidhirx ħlief liċ-ċkejknin,
u tistaħba ġewwa sħaba
għall-għajnejn ta' l-imkabbrin.
Biss min jemmen jista' jifhem
dak li int u li temmejt;
min jixtieq li jagħraf qabel,
biex fik jemmen, o Ġesù,
jibqa' mdallam fir-raj tiegħu
u bħall-Boloh tal-Lhudija
jibqa' jtenni: "Dan min hu?"

DUN KARM

16-18—2—38